# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 23 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru 11**

**Avviz numru 203/02/SM**

**Alfred u Gaetana konjugi Vella**

**vs**

**Joseph u Miriam konjugi Gouder**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' LM3,856.56.0, rapprezentanti arretrati ta' kera dovuta fuq garage bl-isem ta' Roderick Garage, gewwa Triq il-Handaq, Handaq, limiti ta' Hal-Qormi liema garage jinsab mikri lill-istess ai termini ta' skrittura privata datata 17 ta' Marzu tas-sena 1995 annessa mal-avviz u immarkata Dok. A u liema arretrati huma dovuta ghall-iskadenzi skond l-iskeda annessa u mmarkata Dok. B;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra legali datata 1 ta' Frar 2002 u bl-interessi skond il-ligi u dekorribbli mid-data ta' kull skadenza dovuta kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fl-14 ta' Mejju tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**